MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**CHARMAINE GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 273/2012

**Nazzareno Abela (ID 341161 M)**

**Vs**

**Transport Malta u permezz ta’ digriet tal-20 ta’ Jannar 2014 isem l-Awtorita` intimata gie korrett ghal Awtorita` ghat-Trasport f’Malta**

It-Tribunal,

Ra r-Rikors ipprezentat minn Nazzareno Abela fl-1 ta’ Ottubru 2012 permezz ta’ liema talab lil dan t-Tribunal:

1. Jhassar u jirrevoka d-decizjoni tas-6 ta’ Awwissu 2012 tal-Awtorita` ntimata;
2. Jaghti dawk l-ordnijiet li jidhirlu xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

Ra in-Nota ta' Transport Malta datata 22 ta' Ottubru 2012 flimkien mal-ittra annessa bhala Dokument A li permess taghha l-istess Awtorita infurmat lir-rikorrent illi l-penali u l-multa mertu ta' din il-kawza gew irtirati u li ghaldaqstant ma kinitx se tigi pprezentata risposta ghall-appell odjern.

Ra li fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2012, Dr. Reuben Farrugia ghar-rikorrent iddikjara li hekk kif l-Awtorita` intimata thallas l-ispejjez lir-rikorrent, huwa jkun f'posizzjoni jcedi dan l-appell.

Ra in-Nota ta' Transport Malta datata 5 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha assumiet l-obbligu li thallas l-ispejjez skond it-Taxxa Ufficjali tad-Drittijiet u Spejjez relatati ma' dan l-appell.

Ra illi minkejja li saru diversi seduti ma kien hemm l-ebda zvilupp dwar l-obbligu assunt mill-Awtorita` intimata.

Ra illi dan ir-rikors gie mholli ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra:

Illi fl-ewwel lok it-Tribunal qieghed jordna li ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju tar-rikors sabiex isem l-Awtorita` intimata jigi jaqra "Awtorita ghat-Trasport f'Malta".

Illi fit-tieni lok, dan it-Tribunal jissottolinea illi f'din il-kawza ma lahqu nstemghu l-ebda provi siccome` l-Awtorita` intimata, wara l-prezentata u n-notifika tar-rikors promutur kienet irrevokat id-decizjoni taghha tas-6 ta' Awissu 2012 fejn kienet imponiet multa ta' 500 Ewro u penali ta' 50 punt fuq ir-rikorrent.

Illi nonostante din ir-revoka, u nonostante li l-istess Awtorita` assumiet l-obbligu li thallas l-ispejjez inkorsi mir-rikorrent biex ipprezenta r-rikors odjern, l-istess spejjez baqghu ma thallsux.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-obbligu assunt mill-Awtorita` intimat huwa car u univoku u kwindi d-delungar li sar biex

jithallsu l-ispejjez sarraf biss f’hela ta’ hin u rizorsi ta’ dan it-Tribunal.  It-Tribunal jikkundanna bil-qawwa kollha tali agir gej minn fejn gej, iktar u iktar meta tali agir huwa ta’ Awtorita`  pubblika li ghandha taghti ezempju hi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi l-kaz billi jiddikjara li in segwitu  ghall-ittra tat-18 ta’ Ottubru 2012 esebita bhala Dok A a fol. 14 tal-process, illum il-mertu ta’ l-appell intavolat mir-rikorrent huwa ezawrit u jikkundanna lill-Awtorita` intimata  thallas l-ispejjez kollha ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------